# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 5**

**Avviz numru 1674/00/SM**

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Debattista.**

**vs**

**Anthony Psaila**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tliet mija u ghaxar Liri Maltin (LM310.00,0), in linea ta' danni – minnu kagunati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija, fit-28 ta' April 2000 ghall-habta tal-17.30 meta hu kien qed isuq il-vettura Nru. IAB-486 u baqa' diehel gol-vettura Nru. JAV-392 proprjeta' ta' Joseph Debattista – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolament;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Jannar 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija fit-28 ta' April 2000 bejn il-vetturi Nru. IAB 486 u JAV 392 ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija ta' Joseph Debattista, is-sewwieq tal-vettura numru JAV 392, li kien qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq b'rizultat li l-eccipjenti li kien gej mid-direzzjoni opposta, minkejja li pprova jevitah, habat go fih;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici in linea ta' danni, u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat it-talba tar-rapprezentanti legali tal-partijiet li talbu li l-qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi prodotti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-5.30 p.m. tat-28 t'April tas-sena 2000 fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Hal-Lija;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu dak tal-marka vann Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JAV-392 misjuqa minn Joseph Debattista l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine u dik tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni IAB-486 misjuqa mill-konvenut Anthony Psaila;**

3. **Illi jirrizulta li waqt li l-imsemmi Debattista kien qed jipprocedi fi triqtu sab "sleeping policeman", kellu jieqaf u f'daqqa wahda ra karozza u sema' "brake" kbir immens;**

4. **Illi dan Debattista ra li l-kollizjoni kienet inevitabbli izda biex jevita l-ghar ipotesi immanuvra f'dahhla li sab b'hekk naqqas xi ftit l-impatt inevitabbli li sehh;**

5. **Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici nomine fl-atti ta' din il-kawza jirrizulta abbundantement ipprovat mid-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex tistrieh fuq din il-versjoni tal-fatti;**

**Illi di piu' ghandu jigi sottolineat li ghalkemm il-konvenut inghata l-opportunita' jippreventa l-versjoni tieghu, naqas li jghamel dan;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut kien il-kagun tal-incident de quo minhabba s-sewqan skonsiderat tieghu, u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Anthony Psaila unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u ghaxar Liri Maltin, (Lm310.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Psaila ihallas lis-socjeta' attrici nomine l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**